

AWTORITÀ EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ FL-IKEL

Sejħa għal turija ta' interess għal esperti esterni sabiex jiġi stabbilit grupp ta' ħidma ta' esperti xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (Parma, Italy)

(2009/C 95/06)

L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (European Food Safety Authority - EFSA) hija l-qafas ewlieni għall-evalwazzjoni tar-riskji tal-Unjoni Ewropea (UE) fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u l-ġhalf. B'kollaborazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali u b'konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet interessati tagħha, l-EFSA tippovdi pariri xjentifiċi indipendenti u komunikazzjoni dwar riskji eżistenti u emerġenti.

L-Awtorità stabbilixxiet proċedura ta' għażla li għandha l-għan li tfassal lista ta' riżerva ta':

ESPERTI ESTERNI BIEK JIĠU KKUNSIDRATI GĦAS-SĦUBIJA TA' GRUPP TA' ĦIDMA TA' ESPERTI XJENTIFIĊI BIEK JIRREVEDU B'MOD ESTERN IL-KWALITÀ TAL-PRODUZZJONI XJENTIFIKA TAL-AWTORITÀ EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ FL-IKEL

Ref.: EFSA/E/2009/001

L-Awtorità għandha l-intenzjoni li jkollha **grupp ta' ħidma xjentifiku** sabiex jevalwa l-kwalità tal-produzzjoni xjentifika ⁽¹⁾ fl-oqsma koperti mid-Direttorati Xjentifiċi u t-Taqsima tal-Kumitat Xjentifiku u l-Forum ta' Konsulenza tal-EFSA.

L-esperti xjentifiċi esterni huma mistiedna jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sabiex jiġu kkunsidrati għas-sħubija fil-grupp ta' ħidma msemmi hawn fuq.

L-AWTORITÀ EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ FL-IKEL

L-EFSA hija l-bażi tas-sistema tal-evalwazzjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-ikel u l-ġhalf tal-UE; il-parir xjentifiku tagħha dwar ir-riskji eżistenti u emerġenti jipprovdi l-bażi tal-politiki u tad-deċiżjonijiet tal-manigġers tar-riskji fl-Istituzzjonijiet Ewropej u fl-Istati Membri tal-UE. L-irwol l-aktar importanti tal-Awtorità huwa li jipprovdi parir xjentifiku trasparenti u indipendenti u komunikazzjoni ċara bbażata fuq l-aktar metodoloġiji xjentifiċi u l-aktar dejta aġġornata disponibbli.

L-EFSA tlaqqa' flimkien l-aqwa xjenzati Ewropej fl-evalwazzjoni tar-riskji fil-qasam tas-sigurtà fl-ikel u l-ġhalf. Dawn jaġixxu f'kapaċità indipendenti għall-Awtorità - organizzazzjoni awtonoma u rregolata minnha stess li tippovdi lill-Istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri b'parir xjentifiku tal-ġhola livell.

L-Awtorità timxi skont standards ewlenin ta' eċċellenza xjentifika, ftuħ, trasparenza, indipendenza u reattività. Billi taħdem b'mod indipendenti, miftuħ u trasparenti l-EFSA tagħti l-aħjar parir xjentifiku possibbli u għalhekk tikkontribwixxi biex tissaħħaħ is-sistema Ewropea għas-sigurtà tal-ikel u l-ġhalf.

Deskrizzjoni dettaljata tal-Panils Xjentifiċi tal-EFSA kif ukoll il-fluss ta' ħidma għal opinjonijiet xjentifiċi jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-EFSA.

⁽¹⁾ Il-produzzjoni xjentifika tal-EFSA tista' tiġi kklassifikata f'żewġ kategoriji wiesgħin: (1) Opinjonijiet Xjentifiċi tal-Panil Xjentifiku/Kumitat Xjentifiku, jiġifieri Opinjoni, Dikjarazzjoni jew Gwida tal-Kumitat Xjentifiku/Panil Xjentifiku, u (2) Prodotti xjentifiċi oħra tal-EFSA, jiġifieri Dikjarazzjoni tal-EFSA, Gwida tal-EFSA, Konklużjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Pestiċidi Bejn il-Pari, Opinjoni Raġunata jew Rapport Xjentifiku jew Tekniku.

Panils Xjentifiċi:

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/efsa_locale-1178620753812_ScientificPanels.htm

Fluss ta' ħidma għal opinjonijiet xjentifiċi:

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/HowWeWork/efsa_locale-1178620753812_WorkflowForScientificOpinions.htm

Għal aktar tagħrif dwar ir-regoli interni tal-EFSA:

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/WhoWeAre/efsa_locale-1178620753812_managementdocuments.htm

L-irwol tal-evalwaturi esterni tar-riżultati xjentifiċi tal-EFSA

Wara l-proposta tal-Kumitat Xjentifiku ta' sistema fi tliet partijiet sabiex tiġi riveduta l-kwalità tal-attivajiet xjentifiċi tal-EFSA ⁽¹⁾, fl-ewwel nofs tas-sena 2008 l-EFSA implimentat l-ewwel żewġ komponenti, l-awto-reviżjoni u r-reviżjoni interna. Bħalissa qiegħda fil-proċess li timplimenta t-tielet parti, ir-reviżjoni esterna.

Ir-reviżjoni esterna sejra tkopri evalwazzjoni ta' kampjun ta' riżultati xjentifiċi tal-EFSA li diġà ġew adottati u ppubblikati ⁽²⁾ sabiex jiġi evalwat jekk:

- Ġewx segwiti l-aħjar prattiċi ta' evalwazzjoni fl-iżvilupp tal-pro-duzzjoni fir-rigward tal-ġbir, id-deskrizzjoni, l-evalwazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dejta xjentifika;
- Ġewx appoġġati l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet b'deskrizzjoni adegwata tar-raġunament li ntuzja għall-interpretazzjoni tad-dejta xjentifika, bl-attenzjoni dovuta mogħtija għas-suppożizzjonijiet u l-inċertezzi;
- Ġewx indirizzati b'mod adegwat it-termini ta' referenza fil-konklużjonijiet.

Sabiex jiġu żgurati l-affarijiet imsemmijin hawn fuq, ir-reviżuri esterni jirċievu kwestjonarju, wieħed simili għall-kwestjonarju li jintuża għar-reviżjoni interna, li għandu jimtela matul ir-reviżjoni tagħhom li jiffoka fuq:

- L-indirizzar tat-Termini ta' Referenza;
- L-ispeċifikazzjoni tal-oġġettivi;
- Il-limiti bejn l-evalwazzjoni tar-riskji u l-ġestjoni tar-riskji;
- Il-metodi ta' analiżi statistiċi applikati u oħrajn;
- Il-bilanċ bejn is-sejbiet maġġuri u dawk minuri;
- L-indikazzjoni ta' liema riċerka jew informazzjoni addizzjonali tista' tkun meħtieġa;

⁽¹⁾ http://www.efsa.europa.eu/EFSA/efsa_locale-1178620753812_1178628825410.htm (3 ta' Awwissu 2007)

⁽²⁾ Jiġifieri 2 riżultati għal kull Unità li wieħed minnhom diġà jkun ġie rivedut internament, biż-żieda ta' xi prodotti sensitivi oħrajn

- Il-koerenza bejn il-konklużjonijiet u l-kontenut ewlieni tal-opinjoni/rapport;
- It-turija u r-rapportar tal-opinjoni tal-minorità;
- Il-koerenza bejn is-sommarju, il-kuntest tal-mistoqsija u l-kontenut tal-opinjoni;
- Iċ-ċarezza tas-sommarju għall-manigġers tar-riskji.

Sejrin jiġu stabbiliti Sottogrupperi tar-Reviżjoni Esterna (External Review Sottogrupperi - ERS) li jkunu magħmulin minn 3 esperti, jiġifieri *Chairman* u 2 *Rapporteurs*, fil-Grupp ta' Ħidma għal kull wieħed mis-7 oqsma ta' attività⁽¹⁾.

L-24 espert tal-ERS għandhom jiltaqgħu darba fil-bini tal-EFSA f'laqgħa plenarja. L-ERS imbagħad jirvedu r-risultati xjentifiċi barra mill-post u jerġgħu jiltaqgħu fil-bini tal-EFSA għal jumejn jew tlieta sabiex ifasslu u jiftehmu fuq l-ewalwazzjoni, sabiex jipprovdu r-reazzjonijiet ta' għodda dwar il-proċedura u x-xogħol li sar f'dan il-proċess. L-esperti jkunu sostnuti mit-Taqsima tal-Kumitat Xjentifiku u l-Forum ta' Konsulenza.

L-ewalwazzjoni esterna tal-oqsma ta' attività kollha għandha tiġi ffinalizzata sal-aħħar ta' Ottubru 2009.

Ir-rimborż

L-esperti esterni huma intitolati għal indennizz ta' 300 Ewro għal kull jum sħiħ ta' attendenza għal-laqgħat sabiex ipattu għal spejjeż oħra li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni u l-parteċipazzjoni ta' għodda fix-xogħol tas-Sottogrupp tar-Reviżjoni Esterna. Bħala kumpens għall-ispejjeż li jiġu mġarrba minħabba x-xogħol tat-tħejjija għal-laqgħat, iċ-*Chairman* ta' kull Sottogrupp Sekondarju tar-Reviżjoni Esterna huwa intitolat għal indennizz addizzjonali ta' kuljum għal kull laqgħa. Kull Rapporteur huwa intitolat għal indennizz ta' 600 Ewro biex ikopri l-ispejjeż relatati mal-koordinazzjoni tax-xogħol ta' tħejjija għall-abbozz tar-rapport ta' ewalwazzjoni.

L-ispejjeż tal-ivjaġġar u s-sussistenza mġarrba mill-esperti esterni f'konnessjoni ma' laqgħat relatati mas-Sottogrupp tar-Reviżjoni Esterna jistgħu jiġu rimborżati bil-kundizzjonijiet previsti għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivjaġġar u s-sussistenza li jiġġarrbu mill-Membri jew mill-esperti esterni minħabba laqgħat relatati mal-Kumitat jew Panil Xjentifiku.

L-applikazzjoni

Sabiex wieħed ikun jista' jiġi kkunsidrat għas-sħubija fil-grupp ta' ħidma għar-reviżjoni tal-kwalità tal-prodotti xjentifiċi tal-EFSA, l-esperti huma mħeġġa jimlew l-applikazzjoni online u jipprovdu l-preferenzi ta' għodda għal massimu ta' 3 oqsma ta' attività minn 7. Dawn l-oqsma jinkludu:

- Evalwazzjoni tar-riskji kimiċi u oqsma relatati⁽²⁾
- Nutrizzjoni u ikel ġdid
- Evalwazzjoni tar-riskji bijoloġiċi u ġabra tad-dejta taż-żoonożi
- Is-saħħa u l-benesseri tal-annimali

⁽¹⁾ Evalwazzjoni tar-riskji kimiċi u rapporti f'oqsma relatati (li għandhom jitqassmu f'żewġ gruppi ta' reviżjoni), Grupp 1: Nutrizzjoni u ikel ġdid, Evalwazzjoni tar-riskji bijoloġiċi u Ġabra tad-Dejta taż-żoonożi; Grupp 2: Is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, Is-Saħħa tal-Pjanti, GMO, Metodoloġiji għall-Ewalwazzjoni tar-Riskji u r-riskji emerġenti.

⁽²⁾ Ikopri ANS, CEF, CONTAM, DATEX, FEEDAP, PRAPER u PPR.

- Is-saħħa tal-Pjanti
- Organiżmi Modifikati Ġenetikament
- Il-metodoloġiji għall-evalwazzjoni tar-riskji u r-riskji emerġenti

Ir-**rekwiżiti**

Sabiex wieħed ikun jista' jiġi kkunsidrat għas-sħubija fil-grupp ta' ħidma għar-reviżjoni tal-kwalità tal-prodotti xjentifiċi tal-EFSA, huma meħtieġa l-kwalifiki u l-esperjenzi professjonali li ġejjin ⁽¹⁾:

A. *Kriterji ta' eliġibbiltà*

- (i) Lawrja universitarja foqhma li jinkludu t-Tossikoloġija, l-Ekotossikoloġija, ix-Xjenzi Ambjentali, il-Kimika, il-Bijokimika, it-Teknoloġija tal-Ikel, il-Farmakoloġija, il-Mediċina Veterinarja, il-Mediċina tal-Bniedem, il-Farmacija, il-Bijoloġija, ix-Xjenza tal-Ħajja, l-Agronomija/Xjenza tal-Agricoltura, l-Epidemoloġija, il-Mediċina Okkupazzjonali, is-Saħħa Pubblika jew foqhma relatati mas-saħħa pubblika, flivell postgraduatorju;
 - (ii) Mill-inqas għaxar (10) snin ta' esperjenza professjonali rilevanti għall-kompetenza tal-qasam ta' attività preferut flivell li għalih il-kwalifiki meħtieġa msemminjin hawn fuq jipprovdu l-eliġibbiltà;
 - (iii) Għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża;
 - (iv) Il-kandidati għandhom jikkonformaw mal-politika tal-EFSA dwar id-Dikjarazzjoni ta' Interess u għandhom jimlew il-formola tad-dikjarazzjoni ta' interess inkluża fl-applikazzjoni b'mod estensiv, eżatt u sħiħ. Jekk jogħġbok innota li jekk din il-parti tal-formola ma tintliex b'mod sħiħ, dan jirriżulta fir-rifjut tal-applikazzjoni;
- Għal aktar taġrif rigward id-Dikjarazzjonijiet ta' Interess:
http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/WhoWeAre/efsa_locale-1178620753812_DeclarationsInterest.htm
- (v) Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej, ta' pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Liberu (European Free Trade Association - EFTA) u ta' pajjiżi ta' adeżjoni tal-UE. L-esperti minn pajjiżi mhux Ewropej jistgħu japplikaw ukoll iżda dawn jiġu kkunsidrati biss meta l-ivell meħtieġ ta' kompetenza ma jinstabx fost l-esperti Ewropej.
 - (vi) Il-kandidati ma jistgħux ikunu ilhom jikkontribwixxu b'mod attiv għar-riżultati xjentifiċi tal-EFSA matul dawn l-aħħar sentejn, jiġifieri wara l-15 ta' Ġunju 2007.

B. *Kriterji tal-għażla*

- Esperjenza fit-twettiq ta' evalwazzjoni xjentifika tar-riskji u/jew fl-għoti ta' parir xjentifiku foqhma relatati mas-sigurtà fl-ikel u fl-għalf b'mod ġenerali, u b'mod partikolari fil-qasam jew oqsma ta' attività koperti mill-Kumitat Xjentifiku jew il-Panils Xjentifiċi.
- Eċċellenza xjentifika evidenzjata f'kamp wieħed, jew preferibbilment, faktar minn wieħed koperti mill-Kumitat Xjentifiku jew mill-Panils Xjentifiċi.

⁽¹⁾ L-EFSA żżomm id-dritt li tikkonsulta ma' partijiet terzi dwar l-esperjenza professjonali tal-applikanti fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħhom.

- Esperjenza f'xogħol xjentifiku u pubblikazzjonijiet ta' reviżjoni tal-pari, preferibbilment fl-oqsma koperti mill-Kumitat Xjentifiku jew mill-Panils Xjentifiċi.
- Esperjenza professjonali fil-verifika tal-kwalità tal-ħidma xjentifika u prattiċi tajbin tal-evalwazzjoni tar-riskji.

Indipendenza u dikjarazzjonijiet ta' impenn u ta' interess

L-esperti esterni jinħatru fuq bażi personali. L-applikanti huma meħtieġa li jinkludu dikjarazzjoni li jwiegħdu li jaġixxu b'mod indipendenti minn kull influwenza barranija u dikjarazzjoni ta' interess li tista' tkun ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom.

Opportunitajiet Ugwali

L-EFSA toqgħod attenta ħafna li tapplika l-prinċipji ta' trattament ugwali fil-proċeduri tagħha.

Id-Database tal-esperti esterni tal-EFSA

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjoni għall-inklużjoni fid-*database* tal-esperti esterni ssir permezz ta' proċedura separata, ara

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/AboutEfsa/WhoWeAre/efsa_locale-1178620753812_1178712806106.htm.

Il-kandidati li bħalissa huma nklużi fid-*database* tal-esperti mhumiex esklużi mill-parteċipazzjoni f'din is-sejħa sakemm ma jkunux ikkontribwew b'mod attiv għall-produzzjoni xjentifika tal-EFSA matul dawn l-aħħar sentejn.

Il-Ġestjoni tad-Dejta Personali fil-kuntest ta' din is-Sejħa għal Turija ta' Interess

L-informazzjoni personali kollha dwar il-kandidati tiġi pproċessata mill-EFSA skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-EFSA huwa identifikat bħala l-kontrollur għall-ipproċessar ta' dejta personali relatata mal-proċedura ta' għażla bbażata fuq din is-Sejħa għal Turija ta' Interess.

L-għan tal-ipproċessar huwa li jorganizza għażla ta' evalwaturi għall-eżerċizzju tar-reviżjoni esterna tal-EFSA u d-dejta personali kollha għandha tiġi pproċessata għal dan il-għan biss.

Il-kandidati għandhom id-dritt li jaċċessaw id-dejta tagħhom u li jaġġornaw jew jikkoreġu d-dejta ta' identifikazzjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, id-dejta li turi konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kriterji ta' għażla ma tistax tiġi aġġornata jew korretta wara d-data ta' għeluq ta' din is-Sejħa għal Turija ta' Interess.

Il-kandidati huma intitolati li jirrikorru fi kwalunkwe mument għas-Sorveljatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta.

Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

Il-kandidati huma ġentilment mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku flimkien mad-Dikjarazzjoni ta' Interess u li jimlew il-formola ta' applikazzjoni bl-Ingliż sabiex jiffaċilitaw il-proċedura ta' għażla.

Il-kandidati kollha li japplikaw għal din is-sejħa għal turija ta' interess jiġu infurmati bil-posta dwar ir-riżultat tal-proċess ta' għażla.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux aktar tard mill-**15 ta' Ġunju 2009 f'nofs il-lejl** (Ħin lokali, GMT +1). Għal dawk mibgħuta permezz ta' posta reġistrata, id-data tat-timbru tal-posta sservi ta' prova.
